Lingwa Taljana

It-**Taljan** (*italiano* (għajnuna·info), jew *lingua italiana*) hi lingwa Rumanza mitkellma minn madwar 60 miljun ruħ fl-Italja, u minn total ta' 120 miljun madwar id-dinja. Fl-Iżvizzera, it-Taljan huwa wieħed mill-erba' lingwi uffiċjali tal-pajjiż. Huwa hu wkoll il-lingwa uffiċjali ta' San Marino, kif ukoll il-lingwa primarja tal-Belt tal-Vatikan. Sal-1934 kien ukoll il-lingwa uffiċjali ta' Malta. It-Taljan standard, adottat mill-istat wara l-unifikazzjoni tal-Taljan, huwa bbażat fuq it-Toskan (partikularment fuq id-djaletti tal-belt ta' Firenze) u hu intermedjarju bejn il-lingwi Italo-Oċċidentali tan-Nofsinhar u l-lingwi Gallo-Romanzi tat-Tramuntana tal-Italja. L-iżvilupp tiegħu kien ukoll influwenzat minn djaletti oħra Taljani u mil-lingwa Ġermaniża tal-invażuri post-Rumani.

Fuq sfond dijakroniku, it-Taljan ġej mil-Latin u hu l-eqreb lingwa għal-Latin. B'differenza minn lingwi Rumanzi oħra, it-Taljan żamm il-kuntrast bejn il-konsonanti żgħar u twal li kienu jeżistu fil-Latin. Bħal lingwi Rumanzi oħra, l-aċċent fuq il-kliem huwa distintiv. Partikularment, fost il-lingwi Rumanzi, it-Taljan huwa meqjus bħala l-eqreb lejn il-Latin f'termini ta' lessiku. Is-similarità fil-vokabularju hi ta' 89% mal-Franċiż, 87% mal-Katalan, 85% mas-Sard, 78% mar-Reto-Rumanz u 77% mar-Rumen.[1]

Werrej

Konverżazzjoni

Numri

Ġranet tal-ġimgħa

L-Element Taljan fl-Ilsien Malti

Referenzi

Ħoloq esterni

Konverżazzjoni

Lingwa Taljana (*Lingua italiana*)

Mitkellma fl-	Italja, Żvizzera, San Marino, Belt tal-Vatikan
Reġjuni:	Ewropa
Kelliema:	64 miljun
´Familja:	Lingwi Rumanzi
Uffiċjali	
Lingwa uffiċjali ta':	Italja, Żvizzera, San Marino, Belt tal-Vatikan
Regolati:	
Kodiċijiet	
ISO 639-1:	it (http://www.sil.org/iso639-3/documentation.asp?id=it)
ISO 639-2:	it (http://www.sil.org/iso639-3/documentation.asp?id=it)
ISO 639-3:	[1] (http://www.sil.org/iso639-3/documentation.asp?id=it)
SIL:	it (http://www.sil.org/iso639-3/documentation.asp?id=it)

Ara ukoll: Lingwa

Malti (*maltese*)	**Taljan (*italiano*)**	**Pronunċja**
Iva	*Sì*	(isma') /si/
Le	*No*	(isma') /nɔ/
Dażgur!	*Certo! / Certamente! / Naturalmente!*	
Ċaw!	*Ciao!* (informali) / *Salve!* (ġenerali)	(isma') /ˈtʃao/
Eviva!	salute!	/saˈlute/
Kif int?	*Come stai?* (informali) / *Come sta?* (formali) / *Come state?* (plural) / *Come va?* (ġenerali)	/ˈkomeˈstai/ ; /ˈkomeˈsta/
Bonġu!	*Buon giorno!*	/bwɔnˈdʒorno/
Banswa!	*Buona sera!*	/bwɔnaˈsera/
Il-lejl it-tajjeb!	*Buona notte!* (għal lejl ta' mistrieħ) / *Buona serata!* (għal serata tajba)	
Il-ġurnata t-tajba!	*Buona giornata!* (formali)	
L-ikla t-tajba!	*Buon appetito!*	/ˌbwɔn appeˈtito/
Ċaw!	*Arrivederci* (ġenerali) / *Arrivederla* (formali) / *Ciao!* (informali)	(isma') /arriveˈdertʃi/
Nawguralek! - Grazzi!	*Buona fortuna! - Grazie!* (ġenerali) / *In bocca al lupo! - Crepi [il lupo]!* (biex tawgura lil xi ħadd sabiex jegħleb xi diffikultà)	
Inħobba	*Ti amo* (bejn il-maħbubin biss) / *Ti voglio bene* (fis-sens ta' "Irridlek il-ġid", bejn maħbubin, ħbieb, qraba, etċ.)	/tiˈvɔʎʎoˈbɛne/ ; /tiˈamo/
Merħba [f'...]	*Benvenuto/-i* (għal raġel/rġiel jew grupp imħallat) / *Benvenuta/-e* (għal mara/nisa) [*a / in...*]	
Jekk jogħġbok	*Per piacere / Per favore / Per cortesia*	(isma')
Grazzi!	*Grazie!* (ġenerali) / *Ti ringrazio!* (informali) / *La ringrazio!* (formali) / *Vi ringrazio!* (plural)	(isma') /ˈgrattsje/
M'hemmx imn'hiex!	*Prego!* /ˈprɛgo/	
Skużani / Jiddispjaċini	*Mi dispiace* ("Jiddispjaċini") / *Scusa(mi)* (informali) / *Mi scusi* (formali) / *Scusatemi* (plural) / *Sono desolato* ("Aħfirli", jekk raġel) / *Sono desolata* ("Aħfirli", jekk mara)	(isma') /ˈskuzi/ ; /ˈskuza/ ; /mi disˈpjatʃe/
Min?	*Chi?*	
Xiex?	*Che cosa? / Cosa? / Che?*	
Meta?	*Quando?*	/ˈkwando/
Fejn?	*Dove?*	/ˈdove/
Kif?	*Come?*	/ˈkome/
Għaliex / Għala / Minħabba	*perché*	/perˈke/
Darb'oħra	*di nuovo* / *ancora*	/diˈnwɔvo/; /aŋ

		ˈkora/
Kemm?	*Quanto? / Quanta? / Quanti? / Quante?*	
X'jismek?	*Come ti chiami?* (informali) / *Come si chiama?* (formali)	
Jisimni ...	*Mi chiamo ...*	
Dan hu ... / Din hi ...	*Questo è ...* (maskili) / *Questa è ...* (femminili)	
Iva, qed nifhem. / Iva, fhimt.	*Sì, capisco. / Ho capito.*	
Minix nifhem.	*Non capisco. / Non ho capito.*	(isma')
Int titkellem bl-Ingliż?	*Parli inglese?* (informali) / *Parla inglese?* (formali) / *Parlate inglese?* (plural)	(isma') /parˈlate.iŋ ˈglese/
Jien ma nifhimx bit-Taljan.	*Non capisco l'italiano.*	/noŋkaˈpiskolita ˈljano/
Għinni!	*Aiutami!* (informali) / *Mi aiuti!* (formali) / *Aiutatemi!* (plural) / *Aiuto!* (ġenerali)	
Għandek raġun/tort!	*(Tu) hai ragione/torto!* (informali) / *(Lei) ha ragione/torto!* (formali) / *(Voi) avete ragione/torto!* (plural)	
X'ħin hu?	*Che ora è? / Che ore sono?*	
Fejn hi l-kamra tal-banju?	*Dov'è il bagno?*	(isma')
Kemm tiswa?	*Quanto costa?*	/ˈkwanto ˈkɔsta/
Il-kont, jekk jogħbok.	*Il conto, per favore.*	

Numri

Malti	Taljan	IPA[IPA]
Wieħed	*uno*	/ˈuno/
Tnejn	*due*	/ˈdue/
Tlieta	*tre*	/tre/
Erbgħa	*quattro*	/ˈkwattro/
Ħamsa	*cinque*	/ˈtʃiŋkwe/
Sitta	*sei*	/ˈsɛi/
Sebgħa	*sette*	/ˈsɛtte/
Tmienja	*otto*	/ˈɔtto/
Disgħa	*nove*	/ˈnɔve/

Malti	Taljan	IPA
Ħdax	*undici*	/ˈunditʃi/
Tnax	*dodici*	/ˈditʃi/
Tlettax	*tredici*	/ˈtreditʃi/
Erbatax	*quattordici*	/kwat ˈtorditʃi/
Ħmistax	*quindici*	/ˈkwinditʃi/
Sittax	*sedici*	/ˈseditʃi/
Sbatax	*diciassette*	/ditʃas ˈsɛtte/
Tmintax	*diciotto*	/diˈtʃɔtto/
Dsatax	*diciannove*	

Malti	Taljan	IPA
Wieħed u għoxrin	*ventuno*	/vent ˈuno/
Tnejn u għoxrin	*ventidue*	/venti ˈdue/
Tlieta u għoxrin	*ventitré*	/venti ˈtre/
Erbgħa u għoxrin	*ventiquattro*	/venti ˈkwattro/
Ħamsa u għoxrin	*venticinque*	/venti ˈtʃiŋkwe/
Sitta u għoxrin	*ventisei*	/venti ˈsɛi/

Għaxra	*dieci*	/ˈdjɛtʃi/

		/ditʃan ˈnɔve/
Għoxrin	*venti*	/ˈventi/

Sebgħa u għoxrin	*ventisette*	/venti ˈsɛtte/
Tmienja u għoxrin	*ventotto*	/vent ˈɔtto/
Disgħa u għoxrin	*ventinove*	/venti ˈnɔve/
Tletin	*trenta*	/ˈtrenta/

Ġranet tal-ġimgħa

Malti	Taljan	IPA
It-Tnejn	*lunedì*	/luneˈdi/
It-Tlieta	*martedì*	/marteˈdi/
L-Erbgħa	*mercoledì*	/merkoleˈdi/
Il-Ħamis	*giovedì*	/dʒoveˈdi/
Il-Ġimgħa	*venerdì*	/veneˈdi/
Is-Sibt	*sabato*	/ˈsabato/
Il-Ħadd	*domenica*	/doˈmenika/

L-Element Taljan fl-Ilsien Malti

Ħafna Maltin jifhmu u jitkellmu t-Taljan ħabba l-programmi televiżivi jew għax jistudjawh l-iskola u l-università. Sal-1934 kien l-ilsien uffiċjali ta' Malta, sakemm ħadulu postu l-Malti u l-Ingliż.

L-Ilsien Malti għandu għeruq semitiċi imma biż-żmien ħa ħafna kliem mill-Isqalli Medjovali u mit-Taljan. Fost l-iktar kategoriji ta' kliem li ġew mit-Taljan insibu:

1. Arti: pittur, tila, kapulavur, kompożizzjoni, kjaroskur, abbozz, pinzell, skultur, mudell, perspettiva, eċċ.

2. Mużika: opra, sopran, tenur, pjanu, sonata, orkestra, vjolin, sinfonija, kompożitur, kor, eċċ.

3. Letteratura: novella, rumanz, ballata, dramm, eleġija, epika, narrativa, metafora, sunett, lirika, eċċ.

4. Knisja: saċerdot, navi, sagristija, koppla, abbati, ostja, liturġija, vespri, altar, fratellanza, eċċ.

5. Mediċina: ingwent, siringa, operazzjoni, anatomija, infermier, mistura, professur, terapija, garza, loppju, eċċ.

6. Liġi: avukat, awla, libell, rikors, kawża, maġistrat, ġurat, prokuratur, proċess, appell, eċċ.

7. Politika: elezzjoni, kandidat, distrett, parlament, propaganda, ministru, partit, tessera, manifest, oppożizzjoni, gvern, eċċ.

8. Ħajja Urbana: palazz, funtana, qorti, teatru, mużew, lukanda, università, bibljoteka, pjazza, każin, eċċ.

9. Navigazzjoni: barkun, ankra, pruwa, poppa, vapur, ammirall, flotta, skuna, frejgata, karavella, eċċ.

10. Xjenza: ċellola, atomu, simmetrija, mikroskopju, laboratorju, fiżika, termometru, matematika, kimika, mikrobu, eċċ.

11. Ilbies: ingravata, kappell, mantell, ingwanti, kalzetti, pavru, inforra, ċintorin, beritta, xalla, eċċ.

12. Skola/Uffiċċju: segretarja, reġistru, skrivanija, nota, pitazz, gomma, riga, taljakarti, klassi, surmast, eċċ.

13. Militar: kavallerija, kapural, armata, gwerra, bumbardament, kanun, ġeneral, battalja, artillerija, suldat, eċċ.

14. Snajja': barbier, induratur, arġentier, tnalja, martell, ċana, morsa, tavla, bronż, stann, skalpell, eċċ.

15. Oġġetti tad-dar: purtiera, tapit, tvalja, antiporta, armarju, banju, finestrun, tavolina, pultruna, gwardarobba, eċċ.

16. Ikel: pizza, minestra, soppa, insalata, gallettini, torta, biskuttini, vitella, ċanga, balbuljata, spagetti, eċċ.

17. Arkitettura: perit, kolonna, arkata, pedament, intrata, balavostra, kuritur, loġġa, sala, pjanta, eċċ.

18. Frott, Siġar, Fjuri, Pjanti: freżja, prinjol, ċipress, mandolin, bambinella, margeriti, gladjoli, tulipan, arbuxxell, eċċ.

19. Annimali: iljunfant, tigra, ġiraffa, lupu, iljun, ċerv, ċerna, pixxispad, ajkla, melvizz, eċċ.

20. Ambjent Naturali: vulkan, xmara, bosk, peniżola, kaskata, arċipelagu, muntanja, foresta, oażi, kontinent, eċċ.

Referenzi

1. ^ Berloco 2018

- Raffaele Simone, *Enciclopedia dell'italiano*, Treccani, 2010.
- Fabrizio Berloco, *The Big Book of Italian Verbs: 900 Fully Conjugated Verbs in All Tenses. With IPA Transcription, 2nd Edition (https://books.google.it/books?id=DYynDwAAQBAJ&pg=PA3#v=onepage&q&f=false)*, Lengu, 2018. 9788894034813
- Palermo Massimo, *Linguistica italiana*, Il Mulino, 2015. 9788815258847

Ħoloq esterni

- Tagħlim tat-Taljan (http://www.bbc.co.uk/languages/italian/)," *BBC*

Il-Wikizzjunarju għandu daħla li għandha x'taqsam ma': ***Taljan***

Miksub minn "https://mt.wikipedia.org/w/index.php?title=Lingwa_Taljana&oldid=254052"

L-aħħar bidla fuq il-paġna: 18:17, 28 Ott 2019.

It-test huwa disponibbli taħt il-Liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike; jistgħu japplikaw xi kundizzjonijiet oħra. Ara l-kundizzjonijiet tal-użu għal aktar dettalji.